MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 295/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**KONTRA**

**DYLON DARMANIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Dylan Darmanin ta’ 19- il sena, bin Joseph u Victoria nee’ Falzon, mwieled Pieta nhar il- 5 ta’ Mejju 1989, residenti fil- fond Farmhouse Nadur Limiti tar- Rabat u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 217189(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli fi Frar 2009 u l- granet ta’ wara, f’dawn il- Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz kien wiehed, fil-fehma tal-qorti, de minimis, izda l-ligi ma tippermettix li jsiru affarjiet bi traskuragni u b’leggerezza, ghax il-konsegwenzi jistghu ikunu ta’ gravita’ kbira. Kull ma ghamel l-imputat, u dan ammettieh mal-ewwel kemm fl-istqarrija kif ukoll fil-Qorti, hu li ffirma “log book” ta’ vettura bhala xhud tal-identita’ meta ma kienx presenti ghall-istess firem ta’ terzi. Il-Qorti fissret lill-imputat ghalfejn tali reat jista’ jkollu konsegwenzi serji ghall-ahhar, u fil-fatt hu wera li fehem u li kien zbalja b’ li ghamel. Madankollu, in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu, tal-fedina penali ghal kollox netta u tal-eta’ tenera tieghu, il-Qorti m’hix sejra taghti piena ta’ prigunerija, izda sejra taghti sanzjoni fil-komunita’.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------